MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1733/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insirance Company surrogati fid-drittijiet ta' Emanuel Mizzi u l-istess Emanuel Mizzi**

**vs**

**Edward Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u dsatax il-lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm419.99) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtomobilistiku li sehh il-Blata l-Bajda fit-2 ta' Marzu 2003 bejn il-vettura bin-numru LCE 737 misjuqa minn Charlene Mizzi u l-vettura bin-numru

tar-registrazzjoni AAL 758 misjuqa mill-konvenut, ghall-liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes, komprizi Lm17.25 ta' konsult, dawk tal-ittra ufficjali nterpellatorja tad-29 ta' Novembru 2002 u dawk tal-ittra uffiiicjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax min-notifika tal-Avviz kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Marzu 2003 bejn il-vetturi numri AAL 758 u LCE 737 ma garax tort tal-eccippjenti izda tort ta' Charlene Mizzi kif ser jiigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' PS 985 Stephen Pace, ta' Charlene Mizzi, Emanuel Mizzi u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-2 ta' Marzu 2002, fi Triq Nazzjonali, l-Hamrun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCE 737 misjuqa minn Charlene Mizzi u propjeta' tal-attur Emanuel Mizzi, u l-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni AAL 758 misjuqa mill-konvenut. Charlene Mizzi kienet qed issuq fuq il-flyover u riedet tidhol f'Mountbatten Streeet filwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta' St'Joseph High Road, Hamrun u sejjer lejn il-Furjana. L-incident sehh precizament fejn hemm it-traffic lights quddiem is-showroom tal-ITC. Iz-zewg sewwieqa t-tnejn isostnu li d-dawl fuq it-traffic lights kien ahdar fil-konfronti taghhom u ghalhekk huma kellhom id-driitt li jipprocedu. Ovvjament xi hadd minnhom m'huwiex qed jghid il-verita' ghaliex id-dawl ma setghax ikun ahdar kontemporanjarnent fil-konfront taz-zeewg sewwwieqa nvoluti fl-incident. Dan jinghad anki minhabba l-fatt li gie stabbilit mis-surgent li nvestiiga l-kaz li l-lights kienu qed jiffunzjonaw kif suppost fil-hin li sehh l-incident de quo. It-

Tribunall irid ghalhekk jistabbilixxi min miz-zewg sewwieqa qed jghid il-verita'.

Generalment f'kazijiet ta' dan it-tip, u cioe' fejn iz-zewg sewwieqa it--tnejn jsostnu  li huma setghu jghaddu peress li d-dawl kiene ahdar fil-konfronti taghhom u ghalhekk huma setghu jipprocedu, jkun difficli li wiehed jistabbilixxi min minnhom qed jghid il-verita' u ghalhekk ir-responsabilita' tigi apporzjonata. Dan pero' ma jigrix fil-kazijiet kollha fejn issir kollizzjoni fuq traffic lights ghaliex ikun hemm kazijiet, bhal dak odjern, fejn ikun hemm prova li tindika liema sewwieq m'osservax ir-regolamenti u baqa' jipprocedi meta d-dawl kien ahmar jew amber fil-konfronti tieghu. Fil-fehma tat-Triibunal il-brake markks riportati fl-iskizz (a fol. 20) wara l-vettura misjuqa mill-konvenut jindikaw li huwa baqa'' hiereg minn fuq it-traffic lights meta d-dawl kien orange jew ahmar. Il-konvenut xehed li huwa kien waqaf fuq it-traffic lights li hemm aktar lura minn fejn sehh l-incident (fejn hemm il-monument tal-President Anton Buttigieg) u dan peress li d-dawl kien ahmar u meta hareg minn fuq dawn il-lights ra li d-dawl kien ahdar fuq il-lights aktar il-quddiem, u cioe'' fejn sehh l-incident u ghalhekk huwa baqa' hiereg minn fuq dawn il-lights ukoll, meta harget il-vettura ta' Charlene Mizzi minn fuq il-flyover minn fuq id-dawl ahmar u saret il-habta.

Fil-fehma tat-Triibunal il-brake marksss wara l-vettura tal-konvenut hekk kif riportati fl-iskizz jindikaw li din il-verzjoni moghtija mill-konvenut dwar kif sehh l-incident ma tistghax titrwemmen. Il-brake marks fil-fatt jibdew ftit wara l-linja li tiddemarka l-post fejn wiehed ghandu jieqaf fuq il-lights u mhux wara. Dan jindika li l-konvenut fil-fatt ra d-dwal qed jaqilbu ghall-amber , ghafas il-gas biex jipprova jilhaq jghaddi izda mbaghad lemah il-vettura ta' Mizzi hierga regolarment minn fuq il-flyover, peress li d-dawl fil-konfronti taghha kien qaleb ghall-ahdar, u ghalhekk applika l-brake sabiex jipprova jevitaha izda inultilment ghaliex sehhet il-habta. Dan ovvjament jindika li kien hemm negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li ghandu ghalhekk jitqies unikament responsabbli ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti relattivi ghat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u dsatax il-lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm419.99), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali li giet prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104, izda li ma jinkluzux dawk ta' Lm17.25 ghall-konsult, ghandhom jigu sopportati nteramnet mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------